**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 32– 15 ta' Marzu 2017**

***Minuti tal-31 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 15 ta' Marzu, 2017 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 32. Il-laqgha bdiet fis-6:30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

**32.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat e-mail li ntbaghtet mill-Kunsilliera Vernalise Scicluna, fejn kienet qed tghid li ma tistax tkun prezenti ghal dik il-laqgha habba ragunijiet ta' sahha. Din l-apologija giet accettata mill-Kunsilliera prezenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv regghet ghal darb'ohra spjegat li kull min ma jkunx jista jkun prezenti ghal laghqa ghandu jibghat e-mail sabiex jaghti r-raguni li tkun trid tigi accetta mill-Kunsilliera prezenti.

**32.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius resqet il-minuti taz-zewg laqghat precedenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil unanimu. (131). Il-minuti gew approvati.

**32.3** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

32.3.1 Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-laqgha taqa' fi stadju ta' kumitat fis-6:50pm. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-laqgha tkompliet fis-7:00pm.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal mhux xieraq li kuntratt tas-soft areas jigi diskuss dakinhar minhabba li kien hemm prezenza ta' tlett kunsilliera minn kull partit u allura kwalunkwe decizjoni li ser tkun qed tittiehed, ser tinghata bil-casting vote tas-Sindku. Huwa appella sabiex jigi pospost dan il-vot, specjalment minhabba li l-minority leader, li dan id-dekasteru jaqa' tahtu, u li mill-ewwel gurnata l-Kunsillier Roderick Aquilina dejjem

astjena ghar-raguni li x-xoghol ma kienx qed isir tajjeb mill-vot tal-flus ta' dan il-kuntratt, ma kienx prezenti.

Il-Kunsillier Philip Said qal li huwa wkoll ma jhossx li tali decizjoni ghandha tittiehed dakinhar, minhabba li l-kunsillier responsabbli ma kienx prezenti.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ghaldaqstant ippropona li din id-decizjoni ghandha tittiehed meta il-Kunsillier Roderick Aquilina ikun prezenti. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Kevin Glynn. Kien hemm qbil unanimu. (132)

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qatt ma ddejjaq jehodha kontra kuntratturi u ghaldaqstant l-affidavits li ghamel fil-kawzi tal-kuntratturi Schembri Inf., Bonnici Bros., Media & Graphics huma voluminuzi u fihom dettalji specifici dwar in-nuqqassijiet ta' dawn il-kuntratturi.

Il-Kunsillier Clive Azzopardi dahal fis-7:10pm.

32.3.2 Is-Sindku Sarah Agius li fi Triq il-Buskett qabel il-pont li hemm jghaqqad l-istess triq ma' Triq it-Tigrija, kien gie mibni hajt tal-bricks faccata ta' razzett. Is-sidien ta' dan ir-razzett lesti li jnaddfu z-zona, u anke jhawlu sigar, sabiex isebbhu t-triq. Huma talbu lill-Kunsill li jitnehha dan il-hajt tal-bricks sabiex jizdied il-parkegg.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal l-kunsill ghandu l-ewwel jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jara ta'min hi l-art. Talab ukoll li tinghata pjanta mis-sid tar-razzett sabiex naraw x'inhuma l-pjanijiet tieghu.

32.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament li japplika mar-Regjun ghall-korsijiet tal-Life Long Learning. (133)

32.3.4 Is-Sindku regghet gabet ghall-attenzjoni t-talba ghall-bozza fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra. F'laqgha precdenti, il-Kunsill ma kienx approva li jintefqu madwar Eur2,000 sabiex isir arblu gdid b'bozza mieghu fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra. Is-Sindku spjegat li wara li dan gie kkomunikat ma' min ghamel din it-talba, huwa nsista li l-bozza ezistenti titmexxa minn fejn hi, sabiex iddawwal ukoll il-proprjeta tieghu. Wara proposta mis-Sindku li giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsill qabel unanimament li dan isir biss jekk issir petizzjoni mir-residenti kollha tat-triq inkluz ir-residenti li hemm f'dik id-dar fejn bhalissa hemm il-bozza.(134)

32.3.4 Gie maqbul li tintalab aktar informazzjoni dwar il-karatteristici ta' CCTV cameras li ghalihom rcevejna kwotazzjonijiet.

32.4 **Gimgha l-Kbira 2017**

Is-Sindku qalet li minn naha tal-Kunsill kienu qed isiru l-istess arrangamenti tas-soltu ghall-Gimgha l-Kbira ta' din is-sena. Gie deciz ukoll li ghandha tintalab informazzjoni lis-socjetajiet kollha, dwar fejn jarmaw is-siggijiet.

32.5 **Festa 2017**

Gie maqbul unanimament li dan l-item jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

32.6 **Budget 2017**

Wara li gie ccirkolat il-Budget ghas-sena 2017, is-Sindku pproponiet li Budget jigi approvat. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Kien hemm qbil unanimu. (135)

32.7 **Talba minn Ekoskola**

Dwar din it-talba ghall-pjanti mill-iskola f'Hal Qormi li tifforma parti mill-Kullegg San Benedittu, il-Kunsill qal li l-ahjar haga li tista' issir hi li tintalab aktar informazzjoni dwar kif Kunsilli ohrajn qeghdin jippartecipaw, minhabba li l-ligi torbot lill-Kunsilli li ma jaghmlu l-ebda donazzjonijiet.

32.8 **Local Plan Area Hal Mula**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li hi kienet prezenti fl-ewwel laqgha li saret mill-Kumitat Parlamentari ghall-Ambjent. Hi qalet li ssemma' hafna l-infurzar li ghandu jsir sabiex jaraw li jigu osservati l-hinijiet, u sabiex ma jkunx hemm parkegg bl-addocc.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill dejjem fittex l-interess tar-residenti, u ghalhekk talab li jsir aktar infurzar kemm mill-wardens u anke mill-Pulizija. Il-Kunsillier Chris Bongailas qal li l-outlets industrijali ghandhom jahdmu skont il-parametri tal-proprjeta taghhom, u ghandhom dejjem jigu osservati l-ligijiet tal-ambjent.

32.9 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni l-iskeda tal-pagamenti li kienet iccirkolata minn qabel. Hija pproponiet li l-jithallsu l-pagamenti kollha minbarra l-pagament tas-soft areas favur WM Environmental. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-pagament lil Mario Cachia. Kien hem qbil unanimu ghall-kumplament tal-vot tal-flus.

32.10 **Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

32.11 **Tmiem tal-Laqgha u Data ghas-Seduta li Jmiss.**

Il-laqgha giet aggornata ghat-18 t'April 2017. Din il-laqgha spiccat fit-20:10.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |